MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 236/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Frederick Dalli

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta’ Gunju, 2002, ghall-habta tal-11.30 a.m., fi Triq Santa Katerina, Qormi, saq vettura nru. KRT-048 :

1) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta;
2) b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3) saq l-istess vettura meta ma kienitx licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq (Licenzja mhux renovata);
4) b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habat ma’ vettura nru. JOA-222 u

nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Maria Aquilina;
5) u aktar talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata fis-6 t'April, 1999 mill-Mag. Dr. C. Scerri Herrera LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru, 2003 li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(a)(2)(3), 18 (2) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-artikoli 328 u 17 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghall-tlett (3) xhur u ordnat li ma jinghatax il-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' hames (5) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet filwaqt illi thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjoni tar-recidiva w minnha tilliberah kif ukoll thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok timponi piena aktar gusta, jew alternattivament u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza ta' piena karcerarja w skwalifika ta' hames snin ghal piena inqas u aktar gusta ghall-kaz odjern wara li tkun hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li l-addebitu tar-recidiva ma giex pruvat sodisfacentement skond il-ligi stante li ma saritx l-identifikazzjoni kif titlob il-ligi . 2. li l-piena ta' prigunerija effettiva hija wahda eccessiva u jekk l-appellant jigi liberat mill-kwalifika tar-recidiva , hu jkun jikkwalifika ghal sentenza sospiza ai termini tal-artikolu 28A et seq. tal-Kap.9 u f'kaz kuntrarju , il-piena pekunjarja ghandha tkun aktar xierqa u gusta fic-cirkostanzi . Inoltre l-iskwalifika ghall-periodu ta' hames snin hija eccessiva u hemm lok ghal riduzzjoni tal-istess.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ,

Semghet ix-xhieda mill-gdid ta’ P.S. 1219 Charles Zammit;

Rat il-verbal ta’ Dr. Mark Said ghall-prosekuzzjoni redatt fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2004, li bih iddikjara li in vista tal-fatt illi x-xhud P.S. 1219 Charles Zammit ma setax jidentifika lill-appellant bhala li kien l-istess persuna li kien instab hati bis-sentenza tas-6 t’ April, 1999 , jaderixxi ghall-aggravju tal-appellant fuq ir-recidiva.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Illi kif lejalment iddikjarat il-Prosekuzzjoni bil-verbal fuq imsemmi , l-addebitu tar-recidiva li tieghu nstab hati l-appellant fis-sentenza appellata , ma jirrizultax pruvat u dana wara li din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda ta’ P.S. Zammit fuq imsemmi . Ghalhekk u in vista ta’ dan il-verbal u ghax din il-Qorti taqbel li fil-fatt hekk hu , ma hemmx lok li din il-Qorti tiddilunga aktar fuq dan l-aggravju li qed jigi milqugh.

Illi dwar il-piena, din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti hasset li kellha timponi piena karcerarja effettiva minhabba l-fatt li kienet iddecidiet li l-addebitu tar-recidiva kien irrizulta pruvat . Issa pero’ li dan l-addebitu mhux ser jigi konfermat , din il-Qorti thoss li hu l-kaz li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti tigi varjata billi l-piena ta’ prigunerija effettiva tigi mibdula f’ wahda ta’ prigunerija ghal-istess periodu pero’ sospiza ghall-erba snin skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali , billi una volta li issa tnehha l-addebitu tar-recidiva ma hemm ebda ostakolu li jigi applikat provvediment taht l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

Fl-istess waqt pero’ din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-periodu tas-sospensjoni mill-licenzji kollha tas-sewqan

tal-appellant imposta fis-sentenza appellata, partikolarment in vista tal-fatt  li din hija t-tieni darba li hu qed jinstab hati ta' sewqan ta' vettura minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u bla ma kien kopert b' polza tas-sikurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni . Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata , billi tirrevokaha biss in kwantu sabet lill-appellant hati tal-addebitu tar-recidiva u in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlitt xhur u minnflok tillibera lill-appellant mill-imsemmi addebitu tar-recidiva w tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlitt xhur pero' tordna li s-sentenza m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk , matul il-periodu ta' erba snin mil-lum , l-appellant jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija , u tikkonfermaha ghall-kumplament kemm ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija tal-ewwel erba imputazzjonijiet u fejn ordnat li l-appellant jigi skwalifikat milli jinghata licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' hames (5) snin li ghandhom jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl tal-lum.

Finalment ghall-fini tal-artikolu 28A (4) il-Qorti qed tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------